



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

17068/14

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0353 (NLE)**

**EEE 83
UD 289**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Diċembru 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 741 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE stabbilit permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, rigward is-sostituzzjoni tal-Protokoll 4 ta' dan il-Ftehim, dwar ir-regoli ta' oriġini, bi Protokoll ġdid li huwa allineat mal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 741 final.

Mehmuż: COM(2014) 741 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2014
COM(2014) 741 final

2014/0353 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE stabbilit permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,
rigward is-sostituzzjoni tal-Protokoll 4 ta' dan il-Ftehim, dwar ir-regoli ta' oriġini, bi
Protokoll ġdid li huwa allineat mal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli ta' oriġini
pan-Ewro-Mediterranji**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni") tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-orġini ta' oġġetti kkummerċjati skont il-Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti.

L-UE ffirmat il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011 u ddepożitat l-istrument tagħha ta' aċċettazzjoni mad-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012. Għalhekk, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tagħha, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-UE fl-1 ta' Mejju 2012. In-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein, il-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ŻEE"), iffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011, fit-30 ta' Ġunju 2011 u fil-15 ta' Ġunju 2011, rispettivament u ddepożitaw l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħhom għand id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni fid-9 ta' Novembru 2011, fit-12 ta' Marzu 2012 u fit-28 ta' Novembru 2011, rispettivament. Għalhekk, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tagħha, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tan-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein fl-1 ta' Jannar 2012, fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Jannar 2012, rispettivament.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti tiegħu l-miżuri xierqa sabiex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għalhekk, fil-Ftehim ŻEE, il-Protokoll 4 dwar ir-regoli ta' orġini għandu jkun sostitwit bi Protokoll ġdid li, kemm jista' jkun possibbli, jirreferi għall-Konvenzjoni. Fl-istess ħin, it-test tal-Protokoll 4 jiġi aġġornat u allineat, fost l-oħrajn, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Din il-proposta tissostitwixxi l-Protokoll 4 kompletament bi Protokoll ġdid sabiex dan ikun jista' jinqara faċilment mill-operaturi ekonomiċi u mill-amministrazzjonijiet. Il-bidliet imqabbli mal-Protokoll attwali huma dawn li ġejjin:

1. L-Artikolu 3 qed jiġi emendat sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-kumulazzjoni djagonali ta' orġini lil kwalunkwe pajjiż li jipparteċipa fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE³, li hija waħda mill-għanijiet ewlenin tal-Konvenzjoni. Ir-referenza għall-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE qed tiżdied fl-Artikolu 3(1) sabiex jiġi evitat l-użu mandatorju taċ-ċertifikazzjoni EUR-MED. Għall-istess raġuni, ir-referenza għall-Gżejjer Faeroe qed tiġi trasferita mill-Artikolu 3(2) għal 3(1).
2. Fir-referenza għall-Artikolu 32 fil-Werrej, il-kliem "Assistenza reċiproka" qed jiġi sostitwit bil-kliem "Koperazzjoni amministrattiva".
3. Il-kelma "Komunità" qed tiġi sostitwita b"Unjoni Ewropea" fl-intestatura "Dikjarazzjonijiet Konġunti" fil-Werrej, fl-Artikoli 3(1), 3(5), 4(2) u 31(1), kif ukoll fid-Dikjarazzjonijiet Konġunti.

¹ ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

³ L-Albanija, il-Bosnija-Herzegovina, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u l-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1244/99.

4. Il-kliem “Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej” qed jiġi sostitwit b’“Kummissjoni Ewropea” fl-Artikoli 3(5), 31(3) u 32(1).
5. Fl-Artikolu 5(2) il-kliem “ma jiġux użati” qed jiġu sostitwiti b’“m’għandhomx jiġu użati”.
6. Fl-Artikolu 6(1) dawn li ġejjin huma qed jiżdiedu wara l-ittra (m):
“(n) it-taħlit ta’ zokkor ma’ kwalunkwe materjal;”
L-ittri attwali (n) sa (p) qed jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ittri (o) sa (q).
7. It-titolu tal-Artikolu 32 qed jiġi sostitwit bi:
“Koperazzjoni amministrattiva”

Il-kontenut tal-Annessi I sa IVb, qed jiġi sostitwit b’referenza għall-Konvenzjoni.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri tal-UE ġew ikkonsultati dwar l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill fit-Taqsima tal-Oriġini tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali tat-13 ta’ Mejju 2013. Il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ġew ikkonsultati waqt il-laqgħa tal-grupp ta’ ħidma Pan-Ewro-Mediterranju tal-14 u l-15 ta’ Mejju 2013.

Ma kienx meħtieġ li wieħed jirrikorri għal għarfien espert estern. Minbarra dan, ma kienx meħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt, peress li l-emendi proposti huma ta’ natura teknika u ma jolqtux is-sustanza tal-protokoll dwar ir-regoli ta’ oriġini li jinsab attwalment fis-seħħ.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn.

Il-bażi ġuridika għall-emenda ta’ din id-dispożizzjoni huwa l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-proposta taqa’ taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Strument propost: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Din il-proposta tissostitwixxi COM(201)133 finali tat-22 ta’ Marzu 2012, li huwa b’dan irtirat.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stabbilit permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, rigward is-sostituzzjoni tal-Protokoll 4 ta' dan il-Ftehim, dwar ir-regoli ta' oriġini, bi Protokoll ġdid li huwa allineat mal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁵, ("il-Ftehim"), jikkonċerna r-regoli ta' oriġini.
- (2) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji⁶, ("il-Konvenzjoni"), tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' oġġetti kkummerċjati skont il-Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti.
- (3) L-UE, in-Norveġja u l-Liechtenstein ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011 u l-Islanda ffirmat il-Konvenzjoni fit-30 ta' Ġunju 2011.
- (4) L-UE, in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein iddepożitaw l-istrument tagħhom ta' aċċettazzjoni madd-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012, fid-9 ta' Novembru 2011, fit-12 ta' Marzu 2012 u fit-28 ta' Novembru 2011, rispettivament. Għalhekk, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tagħha, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-UE u l-Islanda fl-1 ta' Mejju 2012 u fir-rigward tan-Norveġja u l-Liechtenstein fl-1 ta' Jannar 2012.
- (5) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti tiegħu l-miżuri xierqa sabiex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għalhekk, fil-Ftehim, il-

⁴ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁵ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁶ ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

Protokoll 4 dwar ir-regoli ta' orġini għandu jiġi sostitwit bi Protokoll ġdid li huwa allineat mal-Konvenzjoni u jirreferi għaliha kemm jista' jkun possibbli.

- (6) Għaldaqstant l-Unjoni Ewropea għandha tadotta l-pożizzjoni stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni hawn meħmuż fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stabbilit permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, rigward is-sostituzzjoni tal-Protokoll 4 ta' dan il-Ftehim, dwar ir-regoli ta' orġini, bi Protokoll ġdid li huwa allineat mal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji hija stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni hawn meħmuż tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Bidliet żgħar fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*